**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : XLVIII**
**Appell Nru: 26/2001**

**Il-Pulizija (Spettur Patrick Spiteri)**

**Vs**

**DENNIS MIFSUD**

**Illum, 14 ta'Mejju, 2001**

Il-Qorti :

Rat l-akkuza dedotta kontra Dennis Mifsud talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att tal-1998 Dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru: XXIII tal-1998) u regolamenti maghmulha bis-sahha ta' l-istess Att, fil-15 ta'Lulju, 1999, ghal habta tas-6.35 p.m., fil-hanut "Switch", Savoy Shopping Arcades, Republic Street, Valletta, naqas li jaghti jew li jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 ta' l-14 l-Iskeda li tinsab ma' l-Att tal-1998 Dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta'provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 ta' din l-imsemmija Skeda w l-Artikoli 51 u 77 (a) u (e) ta' l-Att Nru: XXIII tal-1998.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fl-1 ta'Frar, 2001, li biha sabet lill-Dennis Mifsud hati ta'din l-akkuza w kkundannatu ghall-Multa ta' mija u sittin lira Maltin (Lm160).

Rat ir-rikors t'appell ta'Dennis Mifsud datat 7 ta'Frar, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minn kull akkuza w htija, jew, f'kaz li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti, timmodifika l-piena u tinfliggi l-minimu skond il-ligi.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi mix-xhieda li semghet din il-Qorti, liema xhieda hi ghandha ragjonevolment tahseb li kienet kollha l-istess xhieda li nstemghet mill-ewwel Qorti, ma hemm

assolutament xejn li b’xi mod jiggustifikaha li tbiddel dak li kkonkludiet u ddecidiet dik il-Qorti.

Fil-kaz prezenti, l-appellant qed joffri l-iskuza klassika w ripetuta li hu, jew xi hadd in rappresentanza tieghu, kien effettivament hareg ir-ricevuta fiskali, izda kien biss il-konsumatur, ix-xerrej, li qabad u hareg il-barra bla ma qaghad jistenna r-ricevuta.

Il-Qorti xebghet tisma din il-linja difensjonali. L-obbligu li tinhareg u tinghata r-ricevuta fiskali qieghed strettament fuq il-persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u, ghalhekk, hu biss tenut li jara li kull min ikun ha xi provvista minghandu w hallas ghaliha, ghandha tinghatalu dik ir-ricevuta. Jekk hemm bzonn, akkost li jitolbu li ma jitlaqx qabel ma jikkonsenjalu ir-ricevuta. Mhiex raguni jew xi skuza legalment valida li jinghad li il-konsumatur lahaq telaq qabel ma setghat tinghatalu r-ricevuta.

Ghalhekk l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjonijiet li fil-fatt waslet ghalihom in bazi tax-xhieda u provi li hemm f’dawn l-atti.

Ghal dawn il-motivi, l-appell ta’ Dennis Mifsud huwa michud u s-sentenza appellata hija konfermata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur